**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 612/2019 AF**

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**vs**

**Pace Charles**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat hu debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' €95,057.18 (hamsa u disghin elf u seba' u hamsin Ewro u tmintax-il

centezmi) liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu ghal €88,847.23 rapprezentanti kapital wara self u €6,509.95 imghax sas-17 ta' April 2019.

Dan l-ammont huwa dovut skond kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza datat 10 ta' Novembru 2010.

Ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut lill-intimat ma hallasx u ghalhekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tas-socjetà attrici fl-ammont ta' €95,057.18 (hamsa u disghin elf u seba' u hamsin Ewro u tmintax-il centezmi).

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjetà attrici l-ammont ta' €95,057.18 (hamsa u disghin elf u seba' u hamsin Ewro u tmintax-il centezmi) bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datat 27 ta' Settembru 2018 u li hu minnu issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat, l-intimat Charles Pace baqa' ma ressaq ebda twegiba ghall-kawza.

Rat in-nota tal-Bank rikorrenti datata 4 ta' Mejju 2021 li permezz taghha l-istess Bank irriduca l-ammont mitlub ghal €86,633.21 kapital u €422.96 imghax sat-8 ta' Marzu 2021.

Peress illi l-Qorti tqis li t-talbiet tal-Bank rikorrenti huma pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u ghandhom ghalhekk jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Charles Pace huwa debitur

ta' HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ammont komplessiv ta' seba' u tmenin elf u sitta u hamsin Ewro u sbatax-il centezmu (€87,056.17c).

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Charles Pace ihallas lil HSBC Bank Malta p.l.c. is-somma ta' seba' u tmenin elf u sitta u hamsin Ewro u sbatax-il centezmu (€87,056.17c) bl-imghaxijiet mid-9 ta' Marzu 2021 u bl-ispejjez u imghaxijiet ulterjuri kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Charles Pace.

IMHALLEF

DEP/REG